# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 316/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Raymond Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-17 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija, erbgħa u sebgħin Ewro, wieħed u disgħin ċenteżmu (€574.91ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40410767, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 1726/15, u l-imgħax mid-29 ta' Settembru 2015 meta ġiet preżentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol.2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B', fol.3); u (iii) kopja

tal-ittra uffiċjali eżekuttiva li s-soċjeta' attriċi preżentat kontra l-konvenut fid-29 ta' Settembru 2015 (Dok.'C', fol.4); u (iv) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri r-reġistrazzjoni tal-konvenut (Dok.'D', fol.5).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2017, is-soċjeta' attriċi ppreżentat nota ta' riduzzjoni tal-ammont mitlub għal ħames mija u erbgħa Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€504.91ċ), oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra li fl-istess udjenza, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ridotta, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża, wara li ħallasha sebgħin Ewro (€70) fil-mori tal-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija u erbgħa Ewro, wieħed u disgħin ċenteżmu (€504.91ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**